# FESTA
## TAL-MADONNA TAL-GILJU
## FIL-PARROCCA TAL-IMQABBA

**17—20 TA' MEJJU, 1979**



# PROGRAMM

## MAHRUG MIS-SOCJETA TAL-GILJU
## MQABBA

# MESSAGG MILL-KUMITAT

Ix-xahar ta' Mejju reġgħa magħna. Għalina n-nies ta' l-Imqabba dan ix-xahar huwa riservat għal waħda mill-festi tar-raħal tagħna, il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju.

Sa minn kmieni, aħna nżejnu djarna; il-knisja tilbes il-libsa tal-festa, it-toroq u l-pjazza jintremaw mid-dilettanti u kulħadd jaħdem kemm jista', biex din is-sena wkoll, jerġa jkollna festa kif jixraq lill-Madonna.

Il-Kumitat ħejja programm ta' baned u marċi biex iferħu n-nies tar-raħal, u lil dawk kollha li jiġu fir-raħal tagħna biex jaqsmu l-ferħ magħna. Id-dilettanti tan-nar żgur ħaqqhom kull tifħir għas-sagrifiċċji kbar li għamlu tul is-sena kollha bla mistrieħ ta' xejn, biex jagħtu s-sehem tagħhom u jkomplu jimlew il-festa U hekk, kif qegħdin taraw, kollox huwa mħejji biex ilkoll flimkien nieħdu pjaċir aħna, u nagħtu pjaċir lill-ħaddieħor, bla ma nħallu l-piki żejda jgħasru l-armonija, il-ferħ, u l-progress li gawdejna fil-festi tagħna f'dawn l-aħħar snin.

Aħna nisperaw li intkom li qed taqraw dan il-messaġġ toħorġu sodisfatti u nittamaw illi bħas-snin l-imgħoddija aħna nsibu l-għajnuna tagħkom kemm finanzjarment, kif ukoll b'kull mod ieħor. Il-kumitat jispiċċa dan il-messaġġ billi jixtieq lilkom ilkoll il-festi t-tajba.

VIVA IL-MADONNA TAL-ĠILJU

**Il-Kumitat**

# FUNZJONIJIET FIL-KNISJA

**Il-Ħamis, 17 ta' Mejju**
7.00 p.m. — Quddiesa Kantata, Priedka mir-Rev. P. George Frendo O.P., Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ġimgħa, 18 ta' Mejju**
7.00 a.m. Quddiesa Kantata.
7.00 p.m. — Quddiesa Kantata, Priedka, Antifona, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Is-Sibt, 19 ta' Mejju — Lejlet il-Festa**
7.00 a.m. Quddiesa Kantata.
5.30 p.m. — Għasar bil-Vuċijiet. Wara l-Barka, Quddiesa bl-Omelija.

**Il-Ħadd, 20 ta' Mejju — Jum il-Festa**
5.30 a.m. — Quddiesa Parrokkjali.
7.00 a.m. — Quddiesa Letta.
8.00 a.m. — Kan t tal-Lawdi.
8.30 a.m. — Quddiesa Kantata. Wara l-Evanġelju, il-W.R. Kan. John Azzopardi jinseġ Paniġierku ta' tifħir lil Ommna Marija taħt it-titolu tal-Madonna tal-Ġilju.
10.30 a.m. — Quddiesa Letta
11.30 a.m. — Quddiesa Letta.
6.30 p.m. — Għasar Solenni bil-mużika. Wara toħroġ il-Purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna Tal-Ġilju. Wara l-Purċissjoni tingħata l-Barka Sagramentali.

---

**N.B.** Lejlet il-Festa jkun hawn il-konfessuri barranin għall-Qrar. Il-Mużika tkun taħt id-direzzjoni tal-Maestro di Cappella Frank Diacono.

# FESTI TA' BARRA

**Il-Ħamis, 17 ta' Mejju**

8.00 p.m. — Mixgħela Ġenerali.

8.30 p.m. — Il-Banda "Lily" ta' l-istess soċjetà, tiftaħ il-festa b'marċi brijużi mat-toroq ewlenin tar-raħal. Wara l-marċ, ħruq ta' murtali.

**Il-Gimgħa 18 ta' Mejju**

8.00 p.m. — Mixgħela Ġenerali

8.30 p.m. — Il-Banda Karmelitana, "Queen Victoria" taż-Żurrieq tagħmel marċ brijuż. Wara l-marċ, ħruq ta' murtali.

**Is-Sibt, 19 ta' Mejju — Lejlet il-Festa**

.30 p.m. — Mixgħela Ġenerali.

8.00 p.m. — Il-Banda "Lily" tagħmel marċ minn Triq Santa Katerina. Wara jsir programm fil-pjazza tal-knisja.

10.30 p.m. — Ħruq ta' Beraq Pront, u Murtali tal-Kulur.

11.00 p.m. — Ħruq ta' Logħob tan-nar.
Wara ħruq ta' kaxxa nfernali tal-kulur.

**Il-Ħadd, 20 ta' Mejju — Jum il-Festa**

12.30 p.m. — Il-Banda "Lily" tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha b'sett ta' marċi brijużi. Il-Partitarji li jakkompanjaw il-banda fost entużjażmu l-aktar kbir ikomplu jferħu it-toroq ewlenin tar-Raħal.

6.00 p.m. — Il-Banda "Duke of Conaught" ta' Birkirkara tagħmel marċ minn Triq il-Parroċċa sal-Pjazza tal-knisja. Wara tesegwixxi programm mużikali.

6.30 p.m. — Il-Banda "Queen Victoria" taż-Żurrieq tagħmel marċ minn Triq Santa Katerina sal-Pjazza tal-Knisja. Wara jsir programm Mużikali fil-Pjazza quddiem il-każin.

Hekk kif l-istatwa tasal quddiem il-każin tal-Banda "Lily", il-Banda "Queen Victoria" tesegwixxi "L-Innu liil-Madonna Tal-Ġilju" versi ta' Dun France Camilleri, u mużika tas-Surmast Jos. Darmanin A.Mus. L.C.M. Jieħu sehem kor tat-tfajliet tas-Soċjetà tal-Ġilju. Waqt il-Purċisjoni ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa nfernali, murtaletti, beraq pront u murtali tal-kulur. Mad-dħul tal-vara, tinħaraq kaxxa tal-kulur.

Dan ix-xogħol huwa kollu ħidma tad-dilettanti tas-Soċjetà

**N.B.** Innu lill-Madonna tal-Ġilju, u sett ta' marċi ser jinstemu fuq Cable Radio, f'jum il-Festa.

**P. FARRUGIA**
**Segretarju**

# Rendikont tal-Festa fil-Knisja — 1978

**Dħul**

Ġbir bl-envelopes £M229.95c,0m

| **Ħruġ** | **£M** | **c** | **m** |
|---|---|---|---|
| Orkestra | 60 | 00 | 0 |
| Vuċijiet u Organista | 17 | 50 | 0 |
| Punterija | 23 | 75 | 0 |
| Dawl fil-Knisja | 4 | 00 | 0 |
| Armar fil-Knisja | 5 | 00 | 0 |
| Salib tal-Kleru u Anterni | 3 | 00 | 0 |
| Daqq tal-Qniepen | 6 | 00 | 0 |
| Xama' tal-Artali eċċ. | 7 | 50 | 0 |
| Trasport għall-Orkestra | 5 | 00 | 0 |
| Konfessuri barranin | 4 | 50 | 0 |
| Predikatur tat-Tridu | 4 | 00 | 0 |
| Saċerdoti barranin | 8 | 00 | 0 |
| Fjuri | 6 | 28 | 0 |
| Envelopes | 3 | 25 | 0 |
| Xorb | 3 | 00 | 0 |
| **Total** | 160 | 78 | 0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Dħul Totali | 229 | 95 | 0 |
| Ħruġ Totali | 160 | 78 | 0 |
| Bilanċ | 68 | 17 | 0 |
| Plywood għall-Kaxxa tal-Bradella | 10 | 00 | 0 |
| **Bilanċ għal din is-sena** | 58 | 17 | 0 |

**Dun Anton Vella (Kappillan)**

**N.B.** Rendikont tal-Festi esterni joħroġ kull sena fin-notice board tal-Każin. Il-Kumitat jixtieq jirringrazzja lil Miss Karmena Mifsud għas-somma ta' £M65 li ġabret minn fuq il-partitarji nisa.

## L'Innu Marc 'May Flower'

Viva x-xahar maħbub ta' Mejju
Żejjen l-art, libbes il-ġonna
Ward ilewwen, żiffa tfweaħ,
Xahar li jixraq lill-Madonna.
Fost il-fjuri jiddi l-ġilju
Simblu sħiħ tal-purità.

Ċerimonja baqgħet dejjem
F'qalb iż-żgħar b'ħeġġa titrabba,
Jum li fih baqa' jitnissel
L'entużjażmu ġo l-Imqabba.
Inkantaw mal-Banda Lily
Innijiet ta' versi sbieħ,
Lill-Madonna minn tal-Ġilju
Vera festa f'jum ferrieħ.

MUŻIKA TA' MRO. JULIO TANTI
VERSI TA' JOHN SALIBA

Ptd. Vexillina Press — Rabat.